# IL-FOLKLOR MARBUT MAL-VARA TA' MARIJA ANNUNZJATA



Joseph C. Camilleri BA; DEAM; M.Ed

**Kull parroċċa torganizza, darba fis-sena, l-festa tal-patrun jew patruna tagħha. L-istudjuz tal-folklor Guido Lanfranco hu tal-fehma li dawn il-festi li jiġu organizzati fil-gżejjer Maltin għandhom 'qafas ta' fatturi komuni.' Hu jkompli jgħid: '....bħalma ngħidu aħna jkollhom (jew kellhom) it-tridu, in-novena, daqq ta' qniepen, il-purċissjoni, il-vara (kif nafuha issa għamla ta' statwa, u qabel xi oġġett ieħor), armar, dwal, mużika jew baned, logħob tan-nar, kollha li fl-imgħoddi kienu għamla oħra u b'mezzi differenti.' Ir-raħal ta' Ħal Tarxien mhux eċċezzjoni. Il-festa tal-Lunzjata għandha l-istess qafas ta' fatturi li wieħed isib f'kull festa Maltija. Il-qalba ta' din il-festa hija l-vara titulari - dik ta' Marija Annunzjata. Maż-żmien din il-vara ġiet 'imzejna' b'diversi elementi ta' folklor li juru li kienet u għadha fil-qalb Tarxiniża.**

Il-fatturi li waslu biex din il-vara tiżżejjen b'folkor kienu varji. L-ewwel u qabel kollox, il-festa ta' Marija Annunzjata għaddiet minn storja partikulari. Fl-imgħoddi din il-festa kienet issir matul ir-Randan, għaliex il-jum liturgiku tal-Lunzjata jiġi ċelebrat fl-25 ta' Marzu. Għalhekk il-festa kienet issir b'ċerta limitazzjoni. Mhux ta' b'xejn twieldet fir-raħal festa oħra, li kienet issir mhux fir-randan, dik tal-Madonna tad-Duttrina. It-tieni attur huma l-'partiti' - nies li għandhom għal qalbhom il-festa tal-Lunzjata (Lunzjatisti) u grupp ta' nies oħra li għandhom għal qalbhom wkoll il-festa tad-Duttrina (Duttrinisti). Tant li fir-raħal ta' Ħal Tarxien dan l-aħħar grupp jiċċelebra ż-żewġ festi. Dan hu fattur partikulari għal Ħal Tarxien. Dan l-ambejnt iġib pika li tiġi fil-wiċċ matul il-jiem ta' dawn iż-żewġ festi. Din l-pika tintwera fl-iżvilupp ta' armar, dwal, marċijiet, logħob tan-nar, tiżjin fil-knisja eċċ. Fattur ieħor ta' din il-pika huwa l-folklor. F'Ħal Tarxien dan il-folkor inbena madwar żewġ vari ewlenin, dik tal-Lunzjata u dik tad-Duttrina.

## FATTURI FOLKLORISTIĊI TAL-VARA TITULARI

Il-vara welldet diveri leġġendi madwarha. Kien hemm divesi fatturi li welldu dawn il-leġġendi. L-ewwel u qabel kollox Ħal Tarxien dam ma daħħal il-vara titulari tiegħu. Fl-imgħoddi minflok il-Lunzjata kienu joħorġu l-vara tar-Rużarju. Din id-drawwa kienet imxterrda sewwa ma' Malta. Eżempju ta' raħal ieħor li kellu l-istess drawwa kien il-Mosta. Hawn minflok il-vara ta' Santa Marija kienu joħorġu l-vara tar-Rużarju. Ħal Tarxien daħħal vara titulari wara li ħafna mill-ġirien tiegħu kellhom waħda - il-Gudja (Santa Marija), iż-Żejtun (Santa Katarina), Bormla (L-Immakulata Kunċizzjoni). Fattur ieħor li welled il-leġġendi kien il-problemi li ddaħħlu fin-nofs biex saret il-vara. Wieħed irid jiftakkar li l-vara tal-Lunzjata fiha żewġ figuri - il-Madonna u l-Anglu. Kull vara titulari, qabel il-Lunzjata, kellha figura waħda. L-iskultur Xandru Farrugia ma għamilhiex figura waħdanija bħalma għamlu diversi skulturi barranin iżda tnejn. Dawn iż-żewġ figuri ħolqu diversi stejjer li maż-żmien niżlu mill-missier għall-iben u saru leġġendi. It-tielet fattur kien li l-poplu Tarxiniż iħobb jirrakkonta. Kull vara importanti f'Ħal Tarxien għandha l-leġġendi tagħha - il-Lunzjata, tad-Duttrina u l-Kunċizzjoni. Xi nkwadri jew xogħlijiet tal-arti għandhom ukoll il-leġġendi tagħhom. L-aħħar fattur, forsi l-aktar importanti hu l-imħabba li l-poplu għandu lejn il-wirt artistiku li hija mżejna l-knisja parrokkjali. Wirt li wiret mingħand missirijietu.

## LEĠĠENDI

Hemm leġġenda li tgħid li għall-ewwel il-vara tal-Lunzjata kellha l-figura tal-Madonna fuq ix-xellug u dik tal-anġlu fuq il-lemin. Dan sar skont l-inkwadru titulari, xogħol Pietro Gagliardi. Lit-Tarxiniżi, din l-idea ma tantx niżlet sewwa. Il-post tal-lemin, li hu wieħed

ta' unur, riduh għall-Madonna li kienet se ssir Omm Alla.

Xandru Farrugia kien żejtuni u mhux ħaġa kbira li fiż-Żejtun kien hemm leġġenda dwar il-vara tal-Lunzjata. Skond din il-leġġenda, l-ewwel figura tal-anġlu li saret għall-vara ta' Ħal Tarxien spiċċat fil-vara tal-Ort tas-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun.

Leġġenda oħra tgħid li meta waslet il-vara fil-knisja parrokkjali t-Tarxiniżi raw li l-anġlu kien għeri wisq. Dan wassal biex jieħdu fin il-figura għand l-iskultur u dan libbes din il-figura b'libsa tal-kartapesta.

Leġġenda oħra tgħid li waqt il-purċissjoni, l-Madonna tixħet it-Tarxiniżi taħt il-Mantell tagħha.

## IL-PURĊISSJONI

Kif għidt qabel, il-purċissjoni għaddiet minn storja. Fl-imgħoddi kienet waħda qasira u kienet tgħaddi minn Triq Betta biex tgħaddi minn wieħed mid-distretti ta' dan ir-raħal – Wara l-Bjut. Billi din it-triq hi waħda dejqa, waħda mill-galleriji saret dejqa biex matul il-purċissjoni l-vara setgħet tgħaddi mit-triq mingħajr tfixkil. Din il-gallerija ta' din id-dar tassew sabiħa, hi magħrufa bħala l-gallerija tal-Lunzjata.

Drawwa li spiċċat, kienet dik li waqt li l-purċissjoni kienet tgħaddi minn Triq il-Kbira (magħrufa bħala Triq Irjali jew Stada Rjali) sewwa sew quddiem il-villa tat-tabib tar-raħal – it-Tabib Daniel Cecy, xi irġiel kienu jħallu l-purċissjoni biex imorru lejn il-knisja. Dawn kienu jġibu l-bukketti tal-fjuri li kienu jkunu regalati lil-Lunzjata. Kienu jingħaqdu mal-purċissjoni jġorru dawn il-bukketti. Waqt li kienu jerfgħuhom kienu jkantaw l-'Ave Maria'. Din id-drawwa kienet iġġib taħwid kbir fil-knisja u wieħed mill-kappillani ried iwaqqafha. Din ma tantx nizlet sewwa fost xi partitarji u jum wieħed dawn ġew fl-idejn mal-kappillan (dejjem skont leġġenda).

It-tibdil fil-purċissjoni welled drawwa oħra. Il-purċissjoni bdiet tgħaddi minn Triq Ħal Tarxien. Meta din tkun quddiem l-iskola tal-Immakulata Kunċizzjoni, f'waħda mill-galleriji miftuħa, grupp ta' sorijiet joħorġu pjanu u kif il-vara tieqaf jibdew ikantaw żewġ innijiet. Waħda tkun tit-Taljan u oħra bil-Malti, waħda dejjem tkun 'Ave Maria'.

Il-purċissjoni tilfet wieħed min-nies akkaniti li kellha, il-poeta Kelinu Cachia. Meta kien għadu ħaj, il-ħruġ tal-purċissjoni kien wieħed artistiku u mimli daqs bajda bit-talb. L-ewwel ħaġa li kien jagħmel Kelinu Cachia kien li jsellem lill-Madonna u wara kien jgħajjat kemm jiflaħ: 'Fejn int sejra ja Madonna?' Kien ukoll jaqra xi poeżija minn tiegħu u jitlob biex waqt il-Madonna (vara) tkun għaddejja mit-toroq ta' Ħal Tarxien tpoġġi d-djar u t-Tarxiniżi taħt il-mantell tagħha. Forsi din it-talba welldet waħda mil-leġġendi li semmejt aktar 'il fuq f'dan l-artiklu.

Waqt il-ħruġ tal-vara kienu jitfgħu karti, sunetti u tjur forma ta' ħamiema. Dawn it-tjur kienu jinżlu fuq kulħadd anke fuq il-vara. Billi dawn kienu magħmula minn karti tat-tajr u bċejjeċ tal-qasab, dawk li kienu jinżlu fuq il-vara kienu joborxuha. Kien għalhekk din id-drawwa kienet spiċċat.

## TAQBILIET

Grazzi tal-għajnuna li rċevejt minn diversi nies irnexxieli niġbor xi taqbiliet li l-partitarji jgħidu waqt il-ħruġ tal-vara u waqt il-purċissjoni. Waqt il-ħruġ jingħadu dawn it-taqbiliet:

***Issa waslet dik is-siegħa***

***Ii mit-Tempju noħorġuk,***

***U ndawruk mar-raħal tagħna,***

***Biex nuruk kemm inħobbuk.***

Din it-taqbila għandha versjoni oħra, minflok il-kelma tempju jgħidu mill-knisja. Hemm verżjoni oħra li tingħad biss fil-ħruġ tal-vara fin-niċċa. Din il-versjoni tneħħi l-kelma knisja jew tempju u ddaħħal il-kelma niċċa. Taqbila oħra tgħid:

***Doqqu, doqqu qniepen doqqu,***

***Doqqu, doqqu kbar u żgħar,***

***Għax illum il-festa tagħna,***

***Il-festa tat-titular.***

Taqbila oħra tgħid:

***Kollok deheb, kollok djamanti,***

***Issa żgur ma joqsok xejn,***

***Jonqsok biss il-ferħ ta' qalbna,***

***U ċ-ċapċip minn tal-idejn.***

Din l-aħħar taqbila tispiċċa biċ-ċapċip tal-folla. Din ukoll għandha versjoni oħra li tgħid li minflok il-ferħ, tgħid it-talb.

Waqt il-purċissjoni, l-aktar fit-Triq il-Kbira li hi quddiem il-knisja parrokkjali, jintqal dawn it-taqbiliet:

***O xi ġmiel ta' statwa għandna,***

***Xogħol fl-injam kollha skultura,***

***Illi wliedek Tarxiniżi,***

***żejnulek bl-induratura.***

***Mastru Xandru għamel vara,***

***Li biha għaġġeb lil kulħadd,***

***Dina kienet il-Lunzjata,***

***Illi bħala m'għandu ħadd.***

***Evviva l-25 ta' Marzu,***

***Jum devot għar-raħal tagħna,***

***Kulħadd jgħajjat b'vuċi waħda,***

***Viva l-kbira Lonza tagħna.***

Waqt il-purċissjoni xi Tarxiniżi jixegħlu l-gallerji u anke xi ħdud idoqqu l-'Ave Maria'. Fit-Triq is-Sorijiet welldet drawwa li kantanta tkanta l-'Ave Maria'. Din hi drawwa ħelwa u min iħeġġiegħa. Fl-imgħoddi kienu jitfu l-karti fuq il-vara waqt li tkun għaddejja fit-toroq. Dan spiċċa minħabba li l-karti kienu jinżlu fuq il-vara u joborxuha.

**ĠEMGĦA NIES**

Drawwa li qiegħda tiżviluppa dawn l-aħħar snin hi li waqt il-purċissjoni grupp ta' nies jinġabru madwar il-vara iċapċpu u juru l-ferħ ta' qalbhom ta' dik is-siegħa tant għażieża għalihom. Sa fejn naf jien, din id-drawwa bdietha ċertu waħda Memè Agius. Magħha kien ikun hemm membru oħra ta' din il-familja li kienet toqgħod fi Triq Birżebbuġa, ċertu waħda Camilleri.

Il-vara tal-Lunzjata fiha ħafna folklor marbut magħha. Dan il-folklor juri l-importanza tal-vara u fuq kollox kemm hija fil-fond tal-qalb Tarxiniża. J'alla dan l-interess kollu u din l-imħabba tkompli u tinxered fost iż-żgħażagħ ta' dan ir-raħal.

**Referenzi**

Lanfranco Guido, Drawwiet u tradizzonijiet Maltin, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2000. p153

J C Camilleri, Il-folklor marbut mal-vaar tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien, Il-Mument 23 ta' Mejju 2004.

J C Camilleri, Ġabra ta' Leġġendi, Wise Owl Publications, Malta 2009.

Walter R Zahra, fiż-Żejtun – il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex, PIN 1992.

Nixtieq nirringrazzja lil Karmnu Mercieca (Karmnu tal-Kagħak), Joseph A Farrugia u Charles Garcia tat-taqbilijiet li tawni biex stajt nibni dan l-artiklu.

Dan l-artiklu deher mod differenti fil-gazzetta l-Mument nhar 23 ta' Mejju 2004. Billi kien hemm żieda fl-informazzjoni ħsibt biex jerġa jidher f'din ir-rivista.

# IL-PURĊISSJONI TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU FIR-RABAT TAL-IMDINA[1]

**Joseph C. Camilleri BA; DEAM; M.Ed**

Fl-ewwel Ħadd t'Ottubru, minn ħafna knejjes parrokkjali u minn dawk Duminkani toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju. Dawn il-purċissjonijiet ikun fihom l-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju, membri tal-konfratellanza tar-Ružarju, kif ukoll il-fratelli tal-fratellanzi l-oħra tal-parroċċa, l-kleru u l-'piccolo clero', u l-parruċċjani devoti tal-Madonna tar-Ružarju. Fil-Birgu, fil-belt Valletta u fir-Rabat (ta' Malta) kienu joħorġu purċissjonijiet b'żewġ statwi , dik tal-Madonna tar-Ružarju u dik tal-Patrijarka San Duminku. Minn dawn it-tliet purċissjonijiet tnejn baqgħu joħorġu l-istatwa ta' San Dumniku barra dik tal-Madonna tar-Ružarju – dawk tal-Birgu u tar-Rabat.

## IL-PURĊISSJONI TAR-RABAT

Il-Knisja tal-Madonna tal-Għar jew kif inhi magħrufa aktar bħala l-knisja ta' San Duminku tkun armata għal din il-festa. Id-damask jgħatti l-arkati tal-korsija kif ukoll il-kappelluni. L-altar tal-kor jkun imżejjen bil-gandlieri tal-'fidda' u l-figuri tal-appostli. Il-gradenzi jkun fihom it-terożi tal-fidda u d-deheb. L-altari l-oħra jkunu mżejna. Iżda l-aqwa altar ikun dak tal-Madonna tar-Ružarju. Dan ikollu gandlieri tal-'fidda' u l-figuri tal-appostli impittra. Fil-korsija, biswit il-bieb ta' barra jkun hemm żewġ statwi. Fuq in-naħa tal-kappellun tal-Lunzjata jkun hemm l-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju u fuq in-naħa tal-kappellun tal-Madonna tar-Ružarju jkun hemm l-istatwa ta' San Duminku. Fil-kappellun tal-Madonna tar-Ružarju jkun hemm l-istandard abjad u s-salib tal-fidda u żewġ lanterni.

Wara l-quddiesa kantata tibda ħierġa l-purċissjoni. Qabel tibda toħroġ, in-nies joħorġu mill-knisja u bil-mod il-mod jibdew jimlew iż-żuntier. Aktar ma jgħaddi ż-żmien l-atmosfera tal-festa Maltija timla l-qlub tan-nies. Dan wieħed jifhem billi din hi l-unika purċissjoni li toħroġ minn din il-knisja, ferm għal qalb ir-Rabtin li joqogħdu f'dawn l-inħawi.

## L-EWWEL PARTI TAL-PURĊISSJONI

L-ewwel li joħroġ ikun l-istandard tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Ružarju. Wara l-istandard kien hemm is-salib u ż-żewġ lanterni. Sew il-persuna li jkollha l-istandard u sew il-persuni li jkollhom is-salib u l-lanterni jkunu libsin ta' fratelli. L-ewwel fratellanza tal-Madonna tar-Ružarju twieldet fil-Birgu fil-knisja tal-Lunzjata, l-knisja tad-Dumnikani. Dan il-fratellanza kienet diġà wieqfa fi żmien il-Battalja ta' Lepanto , battalja li ġġieldu l-insara kontra l-qawwa Torka. Skont il-papa ta' dawk iż-żminijiet, il-Papa Piju V, din ir-rebħa nisranija kienet minħabba l-għajnuna li tat il-Madonna wara t-talb ħerqan mill-insara permezz tar-Ružarju [2]. Sentejn wara t-twaqqif tal-fratellanza tal-Madonna tar-Ružarju fil-Birgu twieldet dik tar-Rabat. Mill-1536, din il-fratellanza kellha kappella fil-knisja tal-Madonna tal-Għar iddedikata lill-Madonna ta' Salterio fejn kienet issir

---

[1] Dan l-artiklu ktibtu wara li personalment attendejt għall-purċissjoni tal-Madonna tar-Ružarju li saret nhar is-7 t'Ottubru 2012 mill-knisja tal-Madonna tal-Għar fir-Rabat.

[2] Mallia Philip: The Dominican order and the Blessed Virgin in Malta till the end of the 18th century, f'Marian Devotions in the Islands of St Paul (1600-1800), Vincent Borg (ed) ,The Historical Society, Mal;ta 1983 p309.